MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 74/2009

**Mobisle Communications Limited C-24655**

**vs**

**Ritienne Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi ipprezentat fis-27 ta' Jannar tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin ewro u disgha u sittin centezmu (€472.69c) rapprezentanti bilanc ta' prezz kif jirrizulta minn client contract number 383890 in konnessjoni ma' servizzi rezi fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 30 ta' Ottubru, 2008 u ta' Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan il-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenuta kienet giet notifikata bl-odjern avviz, hija baqghet ma prezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Ra wkoll illi fid-diversi seduti illi nzammu f'dan il-kaz, l-konvenuta baqghet ma dehret qatt u wisq anqas allura kkontestat it-talba attrici. Sema' lil PL Peter Paul Sammut jixhed li bil-gurament tieghu ikkonferma illi l-ammont mitlub f'din il-kawza kien ghadu dovut peress illi ma sar ebda pagament fil-mori tal-istess.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta Ritianne Grech thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u sebghin ewro u disgha u sittin centezmu (€472.69c). Bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Ottubru, 2008, u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------